MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 280/2004

Kawza fil-lista: 47

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: illi l-partijiet izzewwgu fis-27 ta’ Mejju 1994; illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b’qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista’ fix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ; illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoni

essenzjali taz-zwieg ; illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat minhabba eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg ; ghalhekk qed titlob li dan iz-zwieg jigi ddikjarat, minn din il-Qorti, null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;

Rat li l-konvenut ghazel li jibqa’ kontumaci ;

Rat ir-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut, u r-rapport tal-konsulent psikjatra u s-sesswologu kliniku Dottor John Mifsud ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-27 ta’ Mejju 1994 huwa null u bla effett fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] tal-artikolu 19[1] tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, kif ukoll esperti nominati.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izewwgu fis-27 Mejju 1994 meta l-attrici kellha 23 sena, u  l-konvenut kelllu 25 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien erba’ snin.  Minn dan iz-zwieg twieldet tifla wara sena miz-zwieg. Sussegwentement l-attrici mardet u kellha tmur ghall-kura l-Ingilterra, bir-rizultat li l-hajja konjugali kompliet tidditerjora, u wara konvivenza ta’ tlett snin u nofs il-partijiet isseparaw.  Jirrizulta li wara s-separazzjoni l-attrici weldet tarbija minn relazzjoni extra-matrimonjali.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li meta ltaqghat mal-konvenut hi kellha 19-il sena, filwaqt li l-konvenut kellu 21 sena. Waqt l-gherusija li damet 4 snin, kienet tistudja u tahdem u ftit li xejn kienu johorgu flimkien u tghid : 'jiena kont inhobbu u ma rrealizzajtx li hu kien ferm distakkat minni.'[1] Tixhed li 'kont nara l-atteggament mhux bhal relazzjonijiet normali. Fis-sens illi sesswalment ma kontx inhossu li huwa nteressat hafna fija.'[2] Tghid li l-konvenut ma kienx irid jkollu relazzjonijiet intimi qabel iz-zwieg ; u kien jiggustifika l-komportament tieghu minhabba l-moralita' u r-religjon ; izda kien cahad maghha li kelli xi tendenzi omosesswali. Kien jghidlha li xtaq jikkoabita aktar milli jizzewweg ; kif ukoll li ma riedx tfal filwaqt li kien interessat fl-adozzjoni ; izda hija kienet opponiet ghal-koabbitazzjoni u ghamlet il-preparamenti ghaz-zwieg minkejja li kienet dubjuza mill-ghazla taghha. Tilmenta wkoll li l-konvenut kien ossessjonat fuq ommu.

Fiz-zwieg l-hajja sesswali 'ma tantx kienet felici. Nista nghid li ftit li xejn kienet tezisti.'[3] Huwa kien riluttanti ghar-relazzjonijiet intimi. Wara sena u nofs twieldet tifla ; u minn hemm beda l-inkwiet ghax il-konvenut kien jevita li jkollu x'jaqsam maghha. Sena wara hargitilha marda u kella titla ta' spiss l-Inghilterra. Id-dizgwid bejniethom kompla, u s-sitwazzjoni aggravat peress li l-konvenut ma kienx kapaci jerfa' l-oneru li waqa' fuqu.

Kien il-konvenut li hareg bl-ideja tas-separazzjoni. Wara is-separazzjoni l-attrici saret taf li hu kien qed jara ragel iehor. Tghid 'sirt naf, u kien qalli hu stess, li huwa gay u ammetta outright iva jiena gay.'[4]

Waqt il-proceduri tas-separazzjoni weldet tifla b'rizultat ta' relazzjoni li hi kellha ma' ragel iehor. Fil-fatt tghid li xahar wara li l-konvenut telaq mid-dar hi bdiet relazzjoni extra-matrimonjali ma' ragel iehor.

*Verzjoni konvenut*

---

[1] Fol.15
[2] Fol.56
[3] Fol.16
[4] Fol.69

Il-konvenut jichad dak allegat mill-attrici fil-konfront tieghu. Hu jghid li qabel iz-zwieg ma kien hemm l-ebda problema sesswali bejniethom, u kien ikollhom x'jaqsmu flimkien; filwaqt li fiz-zwieg kien ikollhom relazzjonijiert intimi fuq bazi regolari.

Il-konvenut jghid li r-relazzjoni sesswali ta' bejniethom naqset meta, u minhabba li, mardet l-attrici. Jghid li hu ried it-tfal pero' ma xtaqx tfal mill-ewwel. Skont hu, iz-zwieg falla minhabba r-relazzjoni extra-matrimonjali tal-attrici, kif ukoll minhabba l-karattru difficli taghha.

Dwar relazzjonijiet mar-rgiel, il-konvenut jistqarr li 'Illum il-gurnata nara bhala mhabba fejn insibha jigifieri…nohrog mal-irgiel…….nhossha qabel, aw mhux qabel, wara z-zwieg.'[5] Ammetta li jekk issib l-imhabba ma' ragel ikollu relazzjoni fizika mieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

F'dan il-kaz il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet kontrastranti, u hija tal-fehema li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, tenut kont ukoll tal-fatt li din tinsab korroborata f' certu aspetti taghha minn xhieda ohra, kif ukoll issib konfort qawwi fl-analizi u l-konkluzjoni ragjunta mill-konsulent psikjatra Dottor Joseph Mifsud li jghid li 'il-konvenut kien omossesswali minn qabel iz-zwieg ….. Din is-sitwazzjoni kompliet fiz-zwieg …… Mhux kredibbli meta jghid li l-omossesswalita' harget minhabba l-inkwiet li kellu fiz-zwieg specjalment meta wiehed iqis li fattur importanti li kkawza dan l-inkwiet kien fil-fatt l-orjentazzjoni tieghu…'[6]

Ferm il-premess, il-Qorti tirravviza f' dan il-kaz il-*caput nullitatis* kontemplat fit-tieni parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenut, stante li mill-provi jirrizulta manifest li l-orjentazzjoni sesswali tal-konvenut, ezistenti qabel iz-zwieg, kienet, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, rrendietu nkapaci li jassumi

[5] Fol.81
[6] Fol.201 - 202

l-obbligi essenzjali taz-zwieg, partikolarment dak li jghix il-hajja konjugali ma' martu f' komunjoni ta' hajja u mhabba.

Min-naha tal-attrici, l-Qorti tirravviza l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-istess paragrafu, stante li, minkejja li hi kellha dubji dwar il-pass li kienet ser taghmel, liema dubji kienu stimulati mill-komportament tal-konvenut fil-konfront taghha, hija xorta wahda ghaddset rasha u kompliet bir-relazzjoni. Dan jimmanifest nuqqas serju da parti tal-attrici, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, li tifhem l-import tal-hajja konjugali taghha mal-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 Mejju 1994.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------